MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' April, 2010

Numru 1231/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**
**VS**
**BRADY ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brady Abela ta’ 22 sena, iben Emanuel u Anna nee’ Tabone, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Awissu 1986, residenti fi 33, Elba, Triq Spiru Spiteri, Tarxien u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 390286(M).

Illi huwa akkuzat talli f’Settembru 2008 u x-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Qieghed prodott medicinali fis-suq f'Malta minghajr ma kellek awtorizazzjoni ta' tqeghid fis-suq mill-Awtorita' dwar il-Licenzjar;
2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, haddem negozju bl-ingrossa fi prodott medicinali minghajr ma kellu licenzja ta' negozjant bl-ingrossa mahruga skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Medicini u minghajr ma l-prodott medicinali kien inghata awtorizazzjoni ta' tqeghid fis-suq mill-Awtorita' dwar il-Licenzjar;
3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, agixxa ta' spizjar billi pprepara jew biegh prodott medicinali minn fond li mhux registrat bhala spizerija;
4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li jista' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;
5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement, qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq;
6. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;
7. U aktar talli, fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih inniffsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata;
8. U aktar talli, fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u

minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta’ xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 72(1) tal-Kap.416 tal-Ligijiet ta’ Malta’.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex il-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghar-raba’ (4), hames (5), s-sitt(6), is-seba’ (7) u it-tmien (8) akkuza;

Semghat il-konferma ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat tar-raba’ sat-tmien akkuza wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti u ngabu a konnjizzjoni ta’ din il-Qorti, jirrizulta b’mod lampanti, illi l-Medicines Authority ma tatx lill-imputat l-avviz bil-miktub sabiex hu jkun jista’ jaghzel jekk ghandux jiehu r-rimedji proposti mil-Ligi sabiex jaghzel ihallasx il-multa ndikata permezz tal-proceduri

specjali ndikati fl-Artikolu 100 tal-Kap.458 tal-Ligijiet ta' Malta. Gia la darba, dawn il-proceduri ma gewx segwiti mill-Malta Medicines Authority, kif fuq indikat, din il-Qorti ma tarax illi tista' ssib htija fl-imputat ghall-akkuza dedotti kontra tieghu fl-ewwel tliet akkuzi u ghaldaqstant issib lill-imputat, **Brady Abela, mhux hati ta' l-ewwel tlett akkuzi dedotti kontra l-imputat u tilliberah**.

Ghal rigward ta' l-akkuzi erba' sa tmienja, il-Qorti semghat l-ammissjoni ta' l-imputat u l-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li nghata zmien ragonevoli ghal ripensament u ghaldaqstant issib lill-imputat, **Brady Abela, hati tar-raba (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza** u wara li rat l-Artikoli 298(1)(c)(f), 298B u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 72(1)(b)(c) tal-Kap.416 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal **sena prigunerija sospizi ghal sentejn u tikkundannah ihallas multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett (3) snin.**

In oltre', tordna l-konfiska u distruzzjoni ta' l-esebiti kollha inkluz ul-pinnoli *counterfeit*, kif ukoll il-kaxex u l-letteratura medika rispettivi.

In oltre', tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-*Hard Drives* esebiti fil-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------